



Rimantas Šadžius

Imwield f'Vilnius, il-Litwanja, fl-1960.

Edukazzjoni

Fl-1983, Rimantas Šadžius iggradwa mid-Dipartiment tal-Kimika tal-Università tal-Istat Lomosov ta' Moska (*cum laude*) u kkwalifika bħala spiżjar. Fl-2002, huwa ggradwa mill-Fakultà tal-Liġi tal-Università ta' Vilnius u kkwalifika bħala avukat, fejn kiseb Lawrja ta' Masters fil-Liġi.

Esperjenza professjonali

Mill-1996 sal-2003, is-Sur Šadžius kiseb esperjenza professjonali bħala konsulent tal-kontabbiltà u tat-taxxa f'kumpanija privata, bħala riċerkatur xjentifiku fil-kimika tal-kwantum u fil-fiżika tal-istat solidu, bħala traduttur, editur u pubblikatur ta' litteratura xjentifika.

Mill-2003 sal-2004: Viċi Ministru fil-Ministeru tas-Sigurtà Soċjali u x-Xogħol tal-Litwanja.

Minn tmiem l-2004 sa nofs l-2006: Viċi Ministru fil-Ministeru tas-Saħħa tal-Litwanja.

Mis-sajf tal-2006 sa nofs l-2007: Viċi Ministru fil-Ministeru tal-Finanzi tal-Litwanja.

Mill-2007 sa tmiem l-2008: Ministru tal-Finanzi tar-Repubblika tal-Litwanja.

Mill-2009 sal-2012: Lekċerer (fil-Finanzi Pubbliċi) fl-Università tax-Xjenzi Edukattivi tal-Litwanja, ħadem ukoll f'kumpanija akkademika ta' servizz ta' pubblikazzjoni.

Minn Diċembru 2012 sa nofs Ġunju 2016: Ministru tal-Finanzi tar-Repubblika tal-Litwanja. Is-Sur Šadžius kien President tal-Kunsill ECOFIN fit-tieni nofs tal-2013. Meta s-Sur Šadžius kien Ministru tal-Finanzi, il-Litwanja adottat l-euro u saret id-19-il Membru taż-Żona tal-euro fl-1 ta' Jannar 2015.

F'Ġunju 2016, is-Sur Šadžius sar Membru tal-Qorti tal-Awdituri u ngħaqad mal-Awla IV: "Regolamentazzjoni tas-swieq u ekonomija kompetittiva". Minn Frar 2017 'il hawn, is-Sur Šadžius għandu l-ħatra ta' Membru responsabbli għar-Relazzjonijiet Istituzzjonali.